**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 569/2019 AF**

**Maria Lourdes Zammit u zewgha Angelo Zammit**

**u**

**Rita Mangion**

**vs**

**Maria Dolores sive Dorothy Mifsud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Lourdes Zammit u zewgha Angelo Zammit u Rita Mangion, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' konvenju datat 18 ta' Settembru 2018 l-atturi flimkien ma' Mario Spiteri u martu Maria Luisa sive Marisa Spiteri flimkien ma' Emanuel sive Noel Spiteri u martu Jennifer Ann Spiteri, ffirmaw konvenju (Dok. A) mal-intimata, fejn tal-ahhar intrabtet li tbiegh u tittrasferixxi lir-rikorrenti l-appartament numru 2, li jinsab fit-tieni sular (tielet livell tal-binja) formanti parti minn blokk ta' zewg appartamenti, bin-numru ufficjali 47, Triq il-Hawt, Swieqi, kif ukoll il-garage li jgib in-numru 47, ukoll gewwa Triq il-Hawt, Swieqi, kollox kif deskritt f'aktar dettall fil-konvenju citat, redatt minn Nutar Dr. Anton Borg.

Ai termini tal-istess konvenju, bhala depozitu akkont tal-prezz, ix-xerrejja prospettivi hallsu s-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000) kwantu ghal hmistax-il elf Ewro (€15,000) li thallsu da parti tal-attrici Rita Mangion, hmistax-il elf Ewro (€15,000) thallsu da parti tal-atturi Maria Lourdes u Angelo konjugi Zammit, u l-bilanc thallas fi kwoti ndaqs ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) kull wiehed minn Mario u Maria konjugi Spiteri u Noel u Jennifer Ann konjugi Spiteri.

Wara li skada l-konvenju *de quo*, il-konvenuta ma rritornatx lir-rikorrenti s-sehem tad-depozitu minnhom imhallas, illi komplessivament jammonta ghal tletin elf Ewro (€30,000).

Minkejja li l-konvenuta giet interpellata biex tirrifondi s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) diversi drabi din baqghet inadempjenti.

Fil-fehma tal-atturi, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'iggib fil-konfront tat-talba ghal hlas tar-rikorrenti.

Ghalhekk, dan jaghti dritt lir-rikorrenti sabiex jipprocedu kontra l-konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed jaghmlu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' tletin elf Ewro (€30,000), kwantu ghal hmistax-il elf Ewro (€15,000) dovuta lill-attrici Rita Mangion, u hmistax- il elf Ewro (€15,000) lill-atturi Maria Lourdes u Angelo konjugi Zammit kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 1635/2019 u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-iskadenza tal-konvenju in kwistjoni, u cioè mit-2 ta' Mejju 2019, kontra l-intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi Maria Dolores sive Dorothy Mifsud baqghet ma dehritx minkejja d-debita notifika li saritilha.

Fic-cirkostanzi ghaldaqstant il-Qorti a tenur tal-Art. 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 taqta' u tiddeciedi billi tikkundanna lil Maria Dolores sive Dorothy Mifsud thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tletin elf Ewro (€30,000), kwantu ghal hmistax-il elf Ewro (€15,000) dovuta lill-attrici Rita Mangion, u hmistax-il elf Ewro (€15,000) lill-atturi Maria Lourdes u Angelo konjugi Zammit, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Maria Dolores sive Dorothy Mifsud.

IMHALLEF

DEP/REG